MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 4 ta' Jannar 2019**

**Kumpilazzjoni numru 8/2019 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Kurt Aquilina**
**(ID: 110099M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Kurt Aquilina** talli bejn il-31 ta' Dicembru 2018 u 03 ta' Jannar 2019 minn gewwa post La Valette Courts Nru: 14 Triq Heracles, B'Bugia; u/jew f'postijiet ohra fil-Gzejjer Maltin.

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti is-somma ta' €54,000 li hu kkwalifikat bil-valur, bil-lok, bil-hin, u bil-persuna liema ammont jaccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan sar ghad-dannu ta' Sharon Azzopardi li toqghod La Valette Court Nru: 14 Triq Heracles, B'Bugia.

2. U aktar talli nhar it-03 ta' Jannar 2019 ghall-habta ta' 10:10 hrs gewwa l-Ghassa ta' B'Bugia iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

Rat illi waqt l-udjenza tal-lum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet rikonfermata wara li l-Qorti tatu zmien jerga' jahsibha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Semghet lid-derubata Sharon Azzopardi tiddikjara bil-gurament illi kienet qieghda tahfer lil binha ghar-reat imwettaq fil-konfront taghha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-provi dokumentarji pprezentati mill-Prosekuzzjoni, issib li l-imputazzjonijiet gew sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali netta, il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u wkoll il-fatt li l-imputat irritorna l-flus li seraq lil sidhom.

Illi ghalhekk, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li ghandha timponi fuq l-imputat sentenza ta' prigunerija sospiza, sabiex l-imputat, li ghandu impjieg fiss, jibqa' ghaddej fil-hajja lavorattiva tieghu, però bi gwida sabiex joqghod 'il boghod mill-hajja kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 110 (2), i 261 (c), (d), (e) u (f), 268 (b), 269 (g), 270, 279 (b), 280 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Kurt Aquilina** hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal **sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qeghdin jigu sospizi ghal zmien tliet (3) snin mil-lum.**

In oltre, l-Qorti qieghda tpoggi lill-hati **Kurt Aquilina** taht **Ordni ta' Supervizjoni** skont id-digriet moghti kontestwalment u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. Ghal dan il-ghan il-Qorti tordna li

kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) u 28G (8) tal-Kodici Kriminali l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna lill-hati Kurt Aquilina ihallas l-ispejjez kollha inkorsi fin-nomina ta' esperti nominati fl-inkjesta magisterjali li giet appuntata f'dan il-kaz u dan fi zmien sitt (6) xhur minn meta huwa jigi notifikat bl-istess spejjez. Ghal dan il-ghan il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur